MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tal-5 ta' Marzu, 2004

Talba Numru. 129/2004

**Vodafone Malta Limited**

**vs**

**Charmaine Gialanze**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-21 ta’ Jannar 2004 fejn gie mitlub li l-konvenuta tigi kkundannata thalls lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ mitejn u zewg liri Maltin u sitta u sebghin (Lm202.76) rapprezentanti in kwantu ghak-mija u lira Maltin u hdax il-centezmu (Lm101.11) minnhom bhala hlas ghal servizzi rezi mis-socjeta’ attrici lill-konjvenuta in konnessjoni mal-*mobile phone* bin-numru 99887292 u mija u lira Maltin u hamsa u sittin centezmu (Lm101.65) rapprezentanti hlas ghal servizzi resi mis-socjeta attrici in konnessjoni mal-mobile phone bin-numru 99461821.

Bl-ispejjez u bl-interessi kontra l-konvenuta inkluz l-ispejjez tal-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment mal-avviz.

Ra n-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat ai termini tal-Artikolu 13 (b) tal-Kap. 380 u tal-Artikoli 698(2) u 702 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ra li ghalkemm il-konvenuta giet regolarment notifikati, naqset milli tidher meta gew prezentati l-Kapitoli u anki llum, u ghalhekk in-Nota ta' Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqsatant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mitejn u zewg liri maltin u sitta u sebghin centezmu (Lm202.76), bl-imghax pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' din l-istanza, inkluzi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru prezentat kontestwalment ma' l-Avviz, ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenuta skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------